**REĠJUN ĊENTRALI**

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 49

Il-Ħamis, 18 ta' Settembru, 2014

Il-Kumitat tar-Reġjun Ċentrali ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fil-5.30pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREŻENTI**

Kienu prezenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, il-Viċi President, is-Sur Stefan Cordina, Sindku Ħ'Attard, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida, is-Sur Keith Tanti, Sindku Tal-Pieta`, is-Sur Maximillian Zammit, Sindku Ta' Xbiex, is-Sur Domnic Cassar, Kunsillier San Gwann, is-Sindku tal-Gzira, is-Sur Roberto Cristiano, Gzira, is-Sur Anthony Chircop, Sindku tas-Sliema.

**SKUŻATI**

Is-Sinj. Rita Borg, Vici-Sindku B'Kara u s-Sur Stephen Sultana, Sindku Santa Venera kienu skużati.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

**MINUTI**

Il-minuti tas-Seduta Nru. 48 li saret nhar it-Tnejn, 11 ta' Awissu, 2014, kienu approvati unanimament.

**KORRISPONDENZA**

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Jeanette Galea, ressqet ittra mingħand is-Sur Sandro Micallef, resident Ħ'Attard. Is-Sur Micallef xtaq jiġbed l-attenzjoni tar-Reġjun bl-aċċidenti tat-traffiku li qed ikun hemm f'Imdina Road.

Ir-Reġjun qabel li din it-talba għandha titressaq lil Transport Malta sabiex jagħtuna direzzjoni. Ir-Resident għandu jkun infurmat bil-pass li ser jieħu dan ir-Reġjun.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ittra mingħand is-Sinjorina Sharon Calleja li hija l-produtriċi tal-programm, 'Corpus Delicti'. Is-Sinjorina Calleja qed titlob lir-Reġjun sabiex jingħata permess għall-użu ta' l-uffiċċju tat-tribunal bħala l-post biex isiru intervisti qosra li ser jitħejjew ma' psikologi, spetturi u avukati. Dawn l-intervisti ser jintużaw għal programm li ser ikun qed jixxandar fuq l-istazzjoni One Tv minn Jannar sa Lulju 2015. L-intervisti ser ikunu mifruxa fuq żewġ ġranet, għal madwar satejn kull darba, waqt il-ħin tax-xogħol.

Ir-Reġjun qabel li l-permess għandu jingħata bil-kundizzjoni li l-uffiċċju tat-tribunal jinżamm nadif.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, żied li dawn għandhom jinfurmaw lir-Reġjun minn qabel bil-ġranet ta' meta ser ikunu ħa jużaw dan l-uffiċċju.

Is-Sindku tal-Gzira, is-Sur Roberto Cristiano, ġibed l-attenzjoni li l-ġranet magħżula għandhom ikunu meta fl-uffiċċju tat-tribunal ma jkunx hemm seduti għaddejjin.

Is-Sinjura Galea konfermat li peress li nhar ta' Ġimgħa ma jkunx hemm seduti, l-intervisti għandhom isiru f'din il-ġurnata.

**ĦWEJJEĠ LI JIRRIŻULTAW MILL-MINUTI**

**PERMESSI**

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega kif ċerti deċiżjonijiet meħuda fir-Reġjun, possibbilment, għandhom jiġu addottati mill-lokalitajiet kollha biex ikun hemm konformita. Per eżempju, il-permessi ta' krejnijiet għandhom jingħataw mit-8:30am 'l quddiem u din ir-regola tkun l-istess f'kull lokalita' li taqa taħt dan ir-Reġjun.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, spjega li dan il-punt qed jiġi diskuss fl-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali (AKL).

**PAGAMENTI MIĊ-ĊITAZZJONIJIET**

Il-President, is-Sur Peter Bonello, ressaq fuq il-mejda l-ammonti li kull Kunsill ser jieħu mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet. (LISTA ANNESSA)

Is-Sinku ta' l-Imsida, is-Sinjura Margareth Baldacchino Cefai, qalet li l-ammonti għandhom ikunu maħdumin differenti. Kull Kunsill għandu jieħu ammont, u l-kumplament tal-flus għandhom jitqassmu skond il-persentaġġ mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet.

Il-President, is-Sur Peter Bonello, qal li l-AKL qed taħdem fuq dan il-punt ukoll u ser jinforma lir-Reġjun hekk kif tittieħed deċiżjoni.

Is-Sindku tal-Pieta', is-Sur Keith Tanti, wieġeb li l-AKL m'għandix x'taqsam ma' kif dawn il-flus għandhom jitqassmu u li din għandha tkun deċiżjoni li tkun ittieħdet bħala Reġjun. Is-sitwazzjoni fil-preżent trid tinbidel u l-ammont ta' tqassim għandhu jinbidel. Is-Sur Tanti kompla jispjega li hu m'għandhux jippretendi li jieħu l-istess ammont daqs il-Kunsill ta' San Ġiljan, pero kull Kunsill għandhu jieħu €5,000 u l-kumplament tal-flus għandhom jitqassmu skond il-persentaġġi mid-dħul taċ-ċitazzjonijiet biex b'hekk kull Kunsill ikollu ammont xieraq.

Is-Sindku tal-Gzira, is-Sur Roberto Cristiano, talab biex issir kjarifika fuq kif qed issiru l-infieq minn dawn il-flus.

Is-Sur Peter Bonello spjega li fl-ewwel pagament li kien sar, kull Kunsill ħa persentaġġ ta' flus sabiex jgħin fil-proġett tiegħu. Bit-tieni pagament, il-Kunsill għandu żewġ għażliet. Jista' juża l-flus biex imkompli jħallas l-ispejjez ta l-ewwel proġett jew inkella jista' jipproponi proġett ieħor sabiex jutilizza dawn il-flus. Il-proġett għandu dejjem jitressaq fil-laqgħa tar-Regjun għal approvazzzjoni.

Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, qal li għandu jkun hemm 'ceiling' minn fejn għandu jibda l-ammont u jispiċċa.

Is-Sur Kieth Tanti qal li f'dan il-kaz għandhu jkun hemm 'ceiling' wieħed ta' tluq.

Is-Sur Tanti talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tiprovdilu rendikont ta' kemm-il kontravenzjoni nħarġet mill-ispeed cameras u l-kontravenzjonijiet mill-Gwardjani Lokali ta' San Ġiljan.

Is-Sur Roberto Cristiano ressaq suġġeriment sabiex 'l quddiem għandu jkun hemm 'smart camera' sabiex tingħata ċitazzjoni lill-dawk il-vetturi li jibqaw isuqu fuq dawl aħmar tat-traffic lights matul il-lejl. Dan minħabba li kaġun t'hekk, qed ikun hemm ħafna aċċidenti serji. Din il-kamera għandha titpoġġa b'mod speċjali wara li jitlesta l-proġett tal-Kappara.

## SEJĦA TA’ KWOTAZZJONIJIET GĦAL XIRI TA’ KOMPJUTERS

Is-Sur Peter Bonello spjega li għandha tittieħed deċiżjoni fuq s-sejħa ta’ kwotazzjonijiet għal xiri ta’ kompjuters u poġġa fuq il-mejda d-dettalji tal-kwotazzjonijiet.

Is-Sur Roberto Cristiano staqsa jekk ir-Regjun hux obbligat li jagħżel l-irħas waħda jew inkella skond liema waħda għandha l-aħjar speċifikazzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li r-Reġjun mhux obbligat jagħżel l-orħos offerta. Is-Sinjura Galea spjegat li b’kollox kien hemm ħames kwotazzjonijiet u li skond l-ispeċifikazzjonijiet l-aħjar għażla hija l-kwotazzjoni ta’ Smart Technologies. Ir-raġuni kienet li l-kompjuter bid-ditta HP għandu l-aħjar veloċità fis-sistema u li l-iscreen huwa l-ikbar wieħed, dak ta 20” u LED. Mentri l-iscreens fil-kwotazzjonijiet l-oħra huma LCD u ta’ daqs iżgħar.

Ir-Reġjun unanimament qabel li l-kompjuters għandhom jinxtraw mingħand l-kwotazzjoni provduta minn Smart Technologies. Kif ukoll għandha tintbagħat ittra lill kull kumpanija li tefat kwotazzjoni tagħha bid-deċizzjoni li ttieħdet.

## XIRI TA’ UNIFORMI GĦALL-IMPJEGATI TAR-REĠJUN

Is-Sur Peter Bonello spjega li hemm bżonn li jinxtraw uniformi puliti ghall-impjegati tar-Reġjun.

Spjega wkoll li minħabba li fil-preżent hemm żewġ impjegati fuq bażi part time li ser jispiċċaw f’Diċembru li ġej u impjegata oħra impjegata fuq bażi temporanju sa Diċembru li ġej ukoll, ma kienx jaqbel li għandha tinxtara uniformi għal dan il-perjodu qasir. Għalhekk, b’kollox ghandhom jinxtraw 4 uniformi għat-tliet ħaddiema li huma fuq bażi full time u mpjegata oħra fuq bażi part time.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet mingħand Jon David, In Design (Malta) Ltd. u Bortex Group.

Ir-Reġjun unanimament qabel li dawn għandhom jinxtraw mingħand Bortex Group minħabba li l-kwalita’ tal-ħwejjeġ hija ferm aħjar u peress li l-mudell dejjem jibqaw iġibu minnhom.

## XIRI TA’ SISTEMA TAL-PABX

Is-Sur Peter Bonello informa lir-Reġjun li hemm bżonn ta’ xiri tas-sistema PABX fl-uffiċċju ta’ San Ġwann. It-telefonati li jidħlu fir-Reġjun ma jkunux jistaw jitpoġġew ‘on hold’ jew jingħaddu bejn xulxin, speċjalment peress li dan l-uffiċċju huwa mifrux fuq żewġ sulari.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li hemm bżonn jinġiebu tlett kwotazzjonijiet peress li l-ħlas jaqbeż l-ammont ta' €1164.69. Sad-data tal-laqgħa, żewġ kumpaniji leħqu ġew fuq il-post u provdew il-kwotazzjoni. Żiedet tgħid ukoll li jekk xi darba r-Regjun jixtri l-post ġdid, din is-sistema tal-PABX għandha il-faċilta li tinqala mill-uffiċċini ta' San Ġwann u titpoġġa fl-uffiċċju l-ġdid.

Is-Sinjura Margareth Baldacchino Cefai ssuġġeriet li l-linja tat-telefon li hemm fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali ta' l-Imsida li mhux qed tiġi wżata mir-Reġjun, għandha tiġi trasferita għall-uffiċċju ta' San Ġwann biex b'hekk is-sistema ma tkunx ibbażata fuq linja waħda. Ir-Reġjun qabel dwar dan.

Is-Sur Peter Bonello nforma lir-Reġjun li ser tintbagħat e-mejl lis-Sindki kollha taħt dan ir-Reġjun bl-ammonti ta' 3 kwotazzjonijiet sabiex inkunu nistaw nipproċedu malajr.

**ĦATRA TAL-BORD GĦALL-IMPJIEG TA' ACCOUNTS OFFICER**

Is-Sur Peter Bonello nforma lir-Reġjun li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali nforma lir-Regjun sabiex jibda l-proċess biex ir-Reġjun ikun jista' jimpjega 'Accounts Officer' fuq bażi full time.

Is-Sur Bonello spjega li minħabba din is-sejħa, ir-Regjun għandu jagħżel il-persuni li ser ikunu fuq il-bord u li dan għandhu jkun ta' mhux inqas minn tlieta u mhux aktar minn ħames persuni.

Is-Sur Roberto Cristiano issuġġerixxa li l-bord għandhu jkun komponut minn tliet persuni biss.

Ir-Reġjun qabel li l-bord għandhu jkun jikkonsisti mill-President, is-Sur Peter Bonello, is-Sur Anthony Chircop, u is-Sur Roberto Cristiano.

**XIRI TA' KUNTRATT TAL-MOWBAJL GĦAS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

Ir-Regjun qabel li s-Segrtarju Ezekuttiv għandhu jkollha kuntratt tal-mowbajl. Il-kuntratt li ghandha mal-Melita fil-preżent għandu jitħallas mir-Reġjun u malli l-kuntratt jagħlaq f'April 2015, għandhu jkun hemm kuntratt ġdid ma' l-aħjar linja vantaġjuża.

**GREEN WARDENS**

Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Maximillian Zammit, ressaq l-ilment tiegħu fuq il-'Green Wardens' u li dawn ma kienux qedin jidru fil-postijiet u l-ħinijiet li kienu ġew stipulati mill-Kunsill. Is-Sur Zammit kompla qal li r-rottot ta' dawn il-Gwardjani għandhom jiżdiedu.

**MISTOQSIJIET**

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

**APPROVAZZJONI TAL-ĦLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS***

Il-President, ssekondat mis-Sinjura Margareth Baldacchino Cefai ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-ħlas tal-pagamenti li huma mniżżla fuq l-iskeda tal-pagamenti Nru. 49 Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

**TMIEM**

Fis-6.35pm intemmet is-Seduta. Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar it-Tlieta 21 ta' Ottubru, 2014 fil-5.30pm

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President